MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## LAURENCE QUINTANO

Seduta tat-3 ta' Marzu, 2010

Numru 1002/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur Raymond Cassar)**
**(Spettur Geoffrey Azzopardi)**

**Vs**

**Sean Abela.**

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Sean Abela ta’ 18-il sena, iben Nazzareno u Catherine nee Mifsud, imwieled fil-Pieta’ fit-22 ta’ Ġunju 1988, detentur tal-karta tal-identita’ Maltija bin-numru 299788(M) u residenti fil-fond St Rita, Triq Bugharbiel, Żejtun.

Akkużat talli fid-d19 ta’ Settembru 2006 u fix-xhur ta’ qabel f’Ħas-Saptan limiti ta’ Ħal-Far, b’diversi atti maħgmulin ukoll jekk fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess dispożizzjonijiet tal-Liġi u li ġew maħgmulin b’riżoluzzjoni waħda:

1. Ikkommetta serq ta’ fuel, liema serq, li hua kkwolifiakt bil-mezz, ħin u l-valur li jeċedu l-elf lira (Lm1000) sar għad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta u / jew persuni oħra;

2. Xjentement laqa’ għandu jew xtara ħwejjeġ u cioe’ l-fuel misruq, meħdu b’qerq jew akkwistat b’reat, sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta jew xjenetment b’kull mod li jkun indaħal biex ibiegħu jew imexxih;

3. U aktar talli fid-19 ta’ Settembru 2006 għall-ħabta tat-8.15 pm f’Ħas-Saptan, limiti ta’ Ħal-Far, bil-ħsieb li jagħmel delitt, u cioe’ dak ta’ serq aggravat mill-Fuel Storage Installation tal-Enemalta wera dan il-ħsieb b’atti esterni u ta bidu għall-esekuzzjoni tad-elitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta’ tiegħu, u li kieku seħħ dan id-delitt kien ikun ikkwalifikat bil-mezz, ħin u l-valur li jeċċedi l-elf lir (Lm1000) għad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta u / jew persuni oħra.

Rat l-atti kollha tal-proċess inkluż iċ-ċertifikat tat-twelid bin-numru 2997 tal-1988, il-fedina penali tal-imputat, kemm l-ewwel interrogatorju kif ukoll it-tieni interrogatorju wara li kienu żdiedu l-imputazzjonijiet dwar reati li għandhom x’jaqsmu mal-ksur tal-Liġijiet tal-Vat u tad-Dwana, (fol 27), il-letter to prosecute (Dok MD 1), nota ta’ qbid (Dok MD 2), u nota ta’ qbid (Dok MD 3), il-letter to prosecute mmarkata PS, l-istqarrija tal-imputat Dok GA 1, il-preżentazzjoni formali tat-Toyota EBL-587 u l-kontenut tagħha ċica 4000 litru fuel (Dok GA 2), it-talba tas-Sur Anthony Rizzo sabeix jieħu l-fuel lura għan-nom tal-Korporazzjoni Enemalta, id-dikjarazzjoni tad-difiża li ma kenitx qed toġġezzjona għal dan it-teħid u d-digriet tal-Qorti li awtroizzat lil Enemalta tieħu l-fuel wara li l-esperti jkunu temmew ix-xogħol tagħhom, l-istqarrija tal-imputat

(fol 34), il-ħatra tal-esperti maħtura matul l-inkjesta, ir-relazzjoni tal-Professur Alfred Vella a fol 75, ir-relazzjoni ta' PC 453 Brian Cassar (fol 86), ir-relazzjoni ta' PC 94 Jack Farrugia (fol 87), vera kopja tal-proċes verbal redatt mill-Maġistrat (illum Imħallef) Dr Michael Mallia intitolat 'Serq ta' prodotti tal-pitrolju mill-Impjant tal-Enemalta f'Ħas-Saptan – 19 ta' Settembru 2006' fol 95, ir-relazzjoni tal-Perit Richard Aquilina (fol 102 et), id-digriet li bih il-Qorti estendiet l-inkarigu tal-Professur Vella sakemm seta' jmur ikejjel kemm hemm fuel fit-tank indikat, ir-riċevuta Dok RC (fol 137), ir-relazzjoni tal-espert forensiku l-Professur Alfred Vella a fol 43 (Dok AV 2), l-artikoli mibgħuta mill-Avukat Ġenerali a fol 155, ir-riċevuta Dok MD (kuntratt u riċevuta bejn l-imputat u –Dwana) (Fol 174, 175, 176).

Rat ukoll l-ammissjoni tal-imputat għat-tieni imputazzjoni biss.

Rat ukoll is-sottomissjoni tad-difiża li mill-proċess ma ħariġx li l-imputat xerq il-fuel (Seduta tat-2 ta' Diċembru 2009).

Rat ukoll is-sottomissjoni tal-Prosekuzzjoni fis-sedutat tat-2 ta' Diċembru 2009 li

*'fil-preżentata l-imputat xtaq jirreġistra ammissjoni imma peress li l-Pulizija ma kellhiex f'idejha il-letter to prosecute min-naħa tad-dwana, dan ma setax isir.'*

Rat l-artikoli li ntbagħtu mill-Avukat Ġenerali li kienu:

(a) fl-artikoli 18, 261(b)(c)(e)(f), 263, 265, 266, 267, 269(d), 270, 278, 279(b0, 280 u 281 tal-Kap 9;

(b) fl-artikoli 18 u 334 tal-Kap 9;

(ċ) fl-artikoli 41(1)(a), 261(b)(c)(e)(f), 263, 264, 265, 266, 267, 269(d), 270, 278, 279(b), 280 u 281 tal-Kodiċi Kriminali;

(d) fl-artikoli 60(a)(c)(d)(e)(k), 62 (a)(b)(c)(e)(f)(g)(h)(i)(k), 68 (1), 69(1)(2) tal-Kap 37 tal-Liġijiet ta’ Malta;

(e) fl-artikoli 16(1)(j)(n) u 17(a)(b) tal-Kap 382 tal-Liġijiet ta’ Malta;

(f) fl-artikolu 80 tal-Kap 406 tal-Liġijiet ta’ Malta;

(g) fl-artikoli 532A, 532B u 533 tal-Kap 9
Rat ukoll il-ftehim bejn is-Sur Spiridione Galea fil-kapaċita’ tiegħu ta’ Kontrollur tad-Dwan kif ukoll f’isem il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud datat 10 ta’ Marzu 2009 u l-imputat Sean Abela fejn sar qbil li wara li tħallsu l-multi deċiżi taħt il-Kap 37 u l-Kap 406 flimkien mal-konfiska tal-vettura EBL 387 u l-Aviation Fuel, kull responsabilita’ kriminali taħt il-Kap 37 u l-Kap 406 tal-Liġijiet ta’ Malta fil-konfront ta’ Sean Abela mal-allegazzjonijiet msemmija fl-imputazzjoni dwar dawn il-Kapi jkunu estinti (fol 175). Jibqgħu pero’ l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ai termini tal-Kap 382 relatati mal-każ

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

Semgħet it-trattazzjoni.

Ikkonsidrat

Skond il-Prosekuzzjoni l-Pulizija kienu interċettaw lill-imputat li kien qed isuq trakk mimli bil-fuel. Il-fuel kien qed jittieħed għax dak il-ħin kien hemm vapur qed jimla ġo l-istorage facility u kif il-fuel kien qed jiġi ippumpjat fit-tankijiet li hemm ġo Ħas-Saptan, il-ħaddiema kienu qed jieħdu minn pipeline li kienet qed tissuplixxi t-tankijiet. Qabel ma l-fuel daħal fit-tankijiet fejn seta’ jitkejjel, huma kienu qed jieħdu minn hemm hekk. …. Il-parti tal-imputat kienet li jmur iħalli t-truck hemm hekk, jimlewhulu u jsuqu lura.

Skond l-istqarrija tal-imputat (fol 34 et) fid-18 ta’ Settembru 2006 missier l-imputat kien qallu biex għal xi t-

tmienja ta’ filgħaxija jkun Ħal-Far fejn iżommu d-diesel tal-Enemalta. Missieru kien qal beix jidħol fi trejqa, jibqa’ dieħel ftit u jieqaf. Ftti sekondi wara ġie raġel u saqu. Ir-raġel wara reġa’ ġie u ħalla t-trakk ftit ‘l isfel minn fejn kien ħallieh l-imputata. Imbagħad l-imputat resaqa lejn it-truck, startjah u telaq. Meta ħareġ fil-main road kien ser idur minn trejqa oħra fejn kien hemm ipparkjat missieru bi truck ieħor.

Minn is-silta li tinsab fl-istqarrija joħorġu ċerti dettalji li jagħmlu l-każ aktar ċar:

‘D; Ara qiegħed ngħid tajjeb li din mhux l-ewwel darba li inti mort hemmhekk u ġarrejt il-fuel?

R: Iva.

D: Kemm-il darba mort hemm?

R: Xi tmien darbiet.

D: Kull darba li mort kemm-il bowser imlejt bil-fuel?

R; Ġieli kont nagħmel vjaġġ iżda ġieli wkoll għamilt tnejn.

D: Bejn darba u oħra kemm jgħaddi żmien?

R: Id-darba l-oħra ta’ qabel din ilu xahar sew iżda ma niftakarx eżatt kemm ilu.

D: Taf xi tkun qed iġġorr fit-truck?

R: Jiena ma nagħtix każ xi jkolli iżda naf li huwa diesel.

D: Taf x’kellek mgħobbi fit-truck illum?

R: Le

Omissis

R; Missieri ramagħhom hekk u bdew jintużaw għal hemm.

D: Normalment xi ġġorr fit-truck?

R: Diesel.

D: Minn hemm hekk il-fuel fejn tieħdu?

R: Ġieli inħalluh fit-truck iżda ġieli l-għada nitfgħu fil-pompa li għandna il-garxx fiż-Żejtun

Omissis

D: Inti taf li dak li kont qed iġġorr kien fuel misruq?

R: Iva.

D: Dak il-fuel li intom ġġorru, xi jsir minnu?

R: Dak jintuża mill-vetturi tagħna.'

L-imputat ma ammettiex l-ewwel imputazzjoni – dik ta' serq. Il-fatt li l-imputat kien qed iħalli t-truck f'post strateġiku skond l-istruzzjonijiet mogħtija lilu jwassal għall-konklużjoni li l-imputat, ai termini tal-artikolu 42(d), kien kompliċi fis-serqa li effettivament twettqet fid-19 ta' Settembru 2006. Assolutament ma jfisser xejn li l-imputat ma kienx ġo l-impjant. Wieħed jista' jkun kompliċi ta' serq billi joqgħod jistenna sakemm il-ħallelin joħorġu bl-oġġett jew bil-flus. Jew jista' joqgħod għassa jew jinħeba kif għamel l-imputat. Tant kien kompliċi l-imputat li malli t-truck intela' saq bih.

L-imputat kien jaf sew x'qed isir. Mhux biss kien għamel l-istess drabi oħra (kif jidher mill-istqarrija) Ara wkoll id-data tal-irċevuta ta' meta nbena t-truck 8 ta' Ġunju 2006 a fol 127) iżda kien jaf ukoll x'qed isir bil-fuel li kien qed jinsteraq. Kien jaf fejn kien qed jiġi storjat u kien jaf kif kien qed jintuża wara. Kien jaf ukoll x'hemm fit-truck meta lill-Ispettur Raymond Cassar l-ewwel qallu li kien ħareġ it-trakk għal dawra u imbagħad qallu li kellu d-diesel. (Ara

fol 60) Għalhekk il-Qorti qed issibu ħati ta' kompliċita' fis-serqa tad-19 ta' Settembru 2006 (meta kien diġa' għalaq it-tmintax-il sena) kif ukoll f'dawk id-drabi l-oħra fix-xhur ta' qabel id-data tad-19 ta' Settembru 2006.

U f'dak il-jum tad-19 ta' Settembru 2006, is-serqa kienet diġa' twettqet għaliex bies isir is-serq huwa biżżejjed li wieħed iċaqlaq oġġett minn post għall-ieħor u m'hemmx għalfejn ikun wasslu sad-destinazzjoni aħħarija. Il-Qrati Maltin ilhom ħafna li abbraċċjaw din it-teorija u ebda każistika ma turi li l-Qrati ċċaqalqu minn dan il-prinċipju. Għalhekk meta l-imputat twaqqaf mill-forzi tal-ordni **ma kienx aktar każ ta' tentattiv iżda ta' serqa kompleta.**

L-ammont tal-fuel kien konsiderevoli (ara fol 21), u sar fit-8.15 pm meta x-xemx tkun niżlet għax id-data kienet id-19 ta' Settembru u lanqas jekk wieħed is-siegħa solari (jiġifieri fis-7.15pm għaliex is-siegħa tinbidel f'Ottubru) xorta dak il-ħin ix-xemx tkun niżlet.

It-tip ta' fuel msiruq kien Jet A1 (ara x-xhieda tas-CEO tal-EneMalta fol 40 kif ukoll l-analiżi tal-Professur Alfred Vella a fol 75)..

**Għalhekk il-Qorti qed issib lill-imputat ħati bħala kompliċi fis-serq li sar fid-19 ta' Settembru 2006 u fix-xhur ta' qabel, reat li huwa involut u kompriż fl-ewwel imptuazzjoni.**

**It-Tieni Imputazzjoni.**

Il-Qorti qed issib lill-imputat ħati ta' din l-imputazzjoni għaliex ammettiha iżda din l-imputazzjoni hija waħda alternattiva għall-ewwel imputazzjoni u l-Qorti għalhekk mhix tieħu konjizzjoni tagħha..

**It-Tielet Imputazzjoni**

Il-Prosekuzzjoni pprospettat din l-imputazzjoni bħala alternattiva. Mill-fatti li jirriżultaw mill-proċess, il-Qorti

mhix tirravviża t-tentattiv ta’ serq, iżda, bħalma qalet aktar ‘il fuq, is-serqa tad-19 ta’ Settembru 2006 kienet waħda kompleta. Ġaladarba l-Qorti sabet lill-imputat ħati tal-ewwel imputazzjoni mhix ser tieħu konjizzjoni ta’din l-imputazzjoni.

**Ir-Raba’ u l-Ħames Imputazzjoni**

Stante l-ftehim li ntlaħaq bejn l-imputat u l-Kontrollur tad-Dwana, li ġaladarba l-imputat ħallas il-multa, il-proċeduri kriminali kontra l-imputat taħt il-Kap 37 u l-Kap 406 kellhom ikun u esitinti fil-konfront tal-imputat (ara artikolu VII tal-ftehim a fol 175) il-Qorti mhix tieħu konjizzjoni ta’ dawn l-imputazzjonijiet ħlief għall-kwsitjoni tan-nuqqas ta’ ħlas tas-sisa tal-Kap 382.

Il-Qorti qed issib lill-imputat ħati għall-evażjoni tal-ħlas tas-sisa (ara fol 25) li kienet tammonta

**Konklużjoni**

**Il-Qorti, wara li rat** l-artikoli 18, 28A, 42(d), 261(b)(c)(e)(f), 263, 265, 266, 267, 269(d), 270, 278, 279(b), 280 u 281 tal-Kap 9, l-artikoli 18 u 334 tal-Kap 9, l-artikoli 41(1)(a), 261(b)(c)(e)(f), 263, 264, 265, 266, 267, 269(d), 270, 278, 279(b), 280 u 281 tal-Kodiċi Kriminali, l-artikoli 60(a)(c)(d)(e)(k), 62 (a)(b)(c)(e)(f)(g)(h)(i)(k), 68 (1), 69(1)(2) tal-Kap 37 tal-Liġijiet ta’ Malta, l-artikoli 16(1)(j)(n) u 17(a)(b) tal-Kap 382 tal-Liġijiet ta’ Malta, fl-artikolu 80 tal-Kap 406 tal-Liġijiet ta’ Malta, u l-artikoli 532A, 532B u 533 tal-Kap 9 qed issib lill-imputat ħati tal-ewwel imputazzjoni bħala kompliċi fis-serqa tad-19 ta’ Settembru 2006 u fix-xhur ta’ qabel – reat li huwa involut u komrpiż fl-ewwel imputazzjo; mhix qed tieħu konjizzjoni tat-tieni u tat-tielet imputazzjonijiet stante li t-tieni hija alternattiva għall-ewwel waħda u, dwar it-tielet imputazzjoni stante li l-Qorti sabet lill-imputat ħati tal-ewwel imputazzjoni.

Dwar il-piena l-Qorti qieset li l-imputat għandu fedina nadifa u li ħallas multi kbar lid-Dipartiment tad-Dwana u tal-Vat. Min-naħa l-oħra l-Qorti qed tqis ukoll li l-imputat kien kompliċi f'dan it-tip ta' reat diversi drabi oħra kif stqarr hu stess. Għalhekk il-Qorti, ai termini wkoll tal-artikolu 28A tal-Kap 9 tikkundanna lill-imputat għal piena ta' priġunerija ta' sentejn li għandhom jibqgħu sospiżi għal erba' snin jekk l-imputat ma jwettaqx reat ieħor kif ukoll għal ħlas ta' multa ta' seba' mitt Ewro (€700) minħabba nuqqas ta' ħlas tas-sisa [1] .

Ai termini tal-artikolu 532A tal-Kap 9, l-Qorti qed tordna lill-imputat iħallas il-pendenzi tat-taxxa tas-sisa (jekk sad-data tas-sentenza jkunu għadhom pendenti) fl-ammont indikat a fol 22.

Ai termini tal-artikolu 533 tal-Kap 9, il-Qorti qed tordna lill-imputat iħallas lir-Repistratur l-ispejjeż in konnessjoni mal-ħatriet tal-esperti li saru kemm matul l-inkjesta (ara fol 95) kif ukoll matul dawn il-proċeduri (ara l-ħatra tal-espert Dr Vella a fol 120). Għalhekk il-Qorti qed tikkomunika din is-sentenza lir-Reġistratur sabiex ikun jista' joħroġ il-kont relattiv.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[1] Kienet ippreżentata s-sentenza fl-ismijiet The Police (Inspector Ivan Cilia versus Denis Degtyarev tas-27 ta' Novembru 2008. Iżda f'din il-kawża l-ammont ta' sisa dovuta kien ħafna anqas.